GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT TAR-RIĊERKA U L-EVALWAZZJONI INTERNA TAL-ISKEJJEL

14 ta' Novembru, 2025

Għeżież Ġenituri/Gwardjani,

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) huwa impenjat li jagħmel użu sħiħ mid-dejta sabiex ikompli jsaħħaħ is-sistema edukattiva f'Malta. Għal dan il-għan, id-Direttorat tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel (RSIRD), fi ħdan MEYR, żviluppa l-pjattaforma tad-*Data Warehouse*. Din hija sistema ċentralizzata li tiġbor informazzjoni dwar l-istudenti minn sorsi differenti sabiex id-Direttorati fi ħdan MEYR, il-Kulleġġi, u l-Iskejjel ikunu jistgħu janalizzaw id-dejta, bl-iskop li jipprovdu l-aħjar sapport lill-istudenti, speċjalment dawk li jkunu f'riskju li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

Biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa u konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta, qed tiġi ppubblikata l-Politika ta' Protezzjoni tad-Dejta, mehmuża, fir-rigward ta din il-pjattaforma. Din il-Politika tiddeskrivi l-prinċipji, il-bażijiet legali, u l-proċeduri li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali psewdonimizzata ta' studenti rreġistrati fl-Iskejjel tal-Istat. Dan jagħti dettalji dwar il-kategoriji ta' data pproċessata, l-iskopijiet tal-ipproċessar, l-iskedi taż-żamma tad-data, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data, f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Ġenituri/Gwardjani huma ġentilment mitluba jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kontenut tal-Politika mehmuża sabiex ikunu infurmati dwar kif id-dejta edukattiva ta' wliedhom tiġi pproċessata u protetta skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.

Għal kwalunkwe mistoqsija jew talba relatata ma' din il-Politika, jew biex teżerċita kwalunkwe dritt li għandek fuq id-data, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data:

**Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**
Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000

Telefon: +356 25981233
Email: dpo.meyr@gov.mt

Grazzi tal-kooperazzjoni tagħkom.

Anthony Sammut

**Dr Anthony Sammut**
Direttur RSIRD

RSIRD
RESEARCH & SCHOOL INTERNAL REVIEW DIRECTORATE